MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2009

Numru 19/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**George Pace**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 19 tas-sena 2007 kif emendat bi qbil bejn il-partijiet, wara li sehh is-separazzjoni tal-gudizzju, kontra l-akkuzat George Pace li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi f'xi zmien qabel ix-xahar ta' April tas-sena elf disa' mija disgha u tmenin (1989) persuna ohra w George Pace saru jafu lil Nazzareno Ebejer li kien jiffrekwenta l-Istazzjon ta' Birkirkara. George Pace kien jahdem bhala *watchman* f'dan l-Istazzjon u persuna ohra kien iqatta' xi hin ma' dan George Pace u ma' *watchman* iehor certu Mikiel Vella (illum mejjet). Il-persuna l-ohra, George Pace u Mikiel Vella nnutaw li Nazzareno Ebejer kien igorr kwantità

sostanzjali ta' flus fuqu w iddecidew li jiehduh f'post imwarrab biex joqtluh u jisirqu dawn il-flus. Fit-8 ta' April ta' dik is-sena, bl-iskuza li kienu sejrin jiehdu lil Nazzareno Ebejer jiekol, rikkbuh fil-karozza ta' l-akkuzat George Pace u telghu lejn il-Mellieha. Kif waslu l-Ahrax tal-Mellieha, Pace, persuna ohra, Vella w Ebejer nizlu mill-karozza. Ebejer dahal go kamra li kienet tinsab f'dawk l-akkwati. Dak il-hin l-akkuzati hargu senter mill-karozza, ippuntawh lejn Ebejer u, dolozament, bil-hsieb li joqtluh jew iqieghdulu hajtu f'periklu car, tawh zewg tiri, wiehed go wiccu w l-iehor lejn sidru. Nazzareno Ebejer miet kawza tal-griehi li sofra.

Illi b'ghemilu l-imsemmi George Pace sar hatj ta' omicidju volontarju w cioè talli, dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, ikkagunalha l-mewt.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi George Pace hati ta' omicidju volontarju w cioè talli, dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, ikkagunalha l-mewt;

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomru, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 211(1)(2), 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmija akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u fic-cirkostanzi msemmija fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' akkuza, w cioè fit-8 ta' April tas-sena elf disa' mija disgha u tmenin (1989), George Pace, fl-Ahrax tal-Mellieha, dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Nazzareno Ebejer jew li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car, tah zewg tiri b'senter tal-marka Luigi Franchi, wiehed go wiccu w l-iehor lejn sidru, w Ebejer miet kawza tal-griehi li sofra. Ghalhekk, fil-mument ta' dan id-delitt l-akkuzat kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari, liema arma giet effettivament uzata fil-kommissjoni ta' l-imsemmi omicidju volontarju fuq il-persuna ta' Nazzareno Ebejer.

Illi b'ghemilu l-imsemmi George Pace sar hati talli, fil-hin li ghamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, w dan minghajr ghan legittimu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi George Pace hati talli, fil-hin li ghamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, w dan minghajr ghan legittimu;

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 26(a) ta' l-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66) [illum l-artikolu 55(a) ta' l-Att dwar l-Armi (Kap. 480)], u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiz-zmien u fic-cirkostanzi msemmija fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' akkuza, w cioè fit-8 ta' April tas-sena elf disa' mija disgha u tmenin (1989), George Pace, fl-Ahrax tal-Mellieha, dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Nazzareno Ebejer jew li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car, tah zewg tiri b'senter tal-marka Luigi Franchi, wiehed go wiccu w l-iehor lejn sidru, w Ebejer miet kawza tal-griehi li sofra. L-akkuzat ma kellux id-debiti licenzji tal-Kummissarju tal-Pulizija ghall-pussess u kontroll ta' dik l-arma tan-nar.

Illi b'ghemilu l-imsemmi George Pace sar hati talli, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra mill-fond jew post li jaghmel mieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi George Pace hati talli, minghajr

licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra mill-fond jew post li jaghmel mieghu;

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u illi jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' minn xahrejn sa sentejn skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 3(1A) ta' l-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66) [illum l-artikolu 5(1) ta' l-Att dwar l-Armi (Kap. 480)], u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih b'seba' (7) voti favur u b'zewg (2) kontra sabu lill-akkuzat George Pace mhux hati tal-Ewwel u tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza bhala awtur izda bhala komplici w unanimament ma sabux lill-akkuzat hati tat-tielet Kap tal-Att tal-Akkuza .

Tiddikjara ghalhekk lil akkuzat hati talli :-

1. fit-8 t'April, 1989, l-Ahrax tal-Mellieha, kien komplici fl-omicdju ta' Nazzareno Ebejer izda mhux bhala awtur tal-istess omicidju w dana fir-rigward tal-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;
2. fit-8 t'April, 1989, l-Ahrax tal-Mellieha, fil-hin li sar delitt volontarju kontra l-persuna, kien komplici ma persuna ohra li kellha fuq il-persuna taghha xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u dan minghajr ghan legittimu, w dana fir-rigward tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;
3. Tiddikjara lil George Pace mhux hati tat-tielet kap tal-att tal-akkuza w minnhu tilliberah.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur **Dr. Jose' Herrera**, li jinsabu kollha registrati w cioe'

1. mill-fedina penali tal-hati mhix daqshekk gravi;
2. li l-hati huwa ta’ eta’ avvanzata;
3. li l-verdett tal-gurija ma kienx wiehed unanimu;
4. li l-hati m’ghandux jigi penalizzat ghax ma ammettix;
5. li l-investigazzjonijiet fil-konfront tal-hati w tal-persuni l-ohra setghu jinbdew biss minhabba l-kooperazzjoni li hu ta fil-bidu lill-investigaturi w li kieku l-hati ma tax dik l-informazzjoni ma kienux setghu jittiehdu passi kontra hadd;
6. illi ladarba l-awtur tal-omicidju inghata piena ta’ tletin sena prigunerija w ladarba l-involviment tal-hati kien anqas gravi minn dak tal-awtur, il-hati ma kellux jinghata piena aktar gravi mill-awtur anzi l-piena tieghu ghandha tkun aktar miti u certament mhix wahda ta’ prigunerija ghall-ghomru.

Qieset is-sottomissjoni tal-abbli prosekutur **Dr. Aaron Bugeja**, li tinsab registrata w cioe:-
li huwa kien qed jassocja mall-konsiderazzjonijiet tal-Qorti fis-sentenza kontra Carmelo Sant hlief ghall-dawk il-konsiderazzjonijiet li jirrigwardaw l-ammissjoni tal-hati billi ma japplikawx ghal dan il-kaz.

Ikkonsidrat;

Illi dan kien delitt fahxi fejn giet traduta l-fiducja li l-Nazzareno Ebejer kellu fil-qattiela tieghu li suppost kienu hbieb tieghu w li maghhom kien iqatta’ hin gmielu jmur jitkellem maghhom fl-istazzjon tal-ferrovija l-antik ta’ Birkirkara. Wara li bi tradiment suppost ittiehed harga bil-karozza tal-akkuzat biex jieklu xi hobza l-Armier, il-vittma gie indott biex imur go karma rurali f’ xifer irdum fl-Ahrax tal-Mellieha fejn gew sparati lejh zewg tiri ta’ senter minn distanza ravvicinata w cioe’ *“point blank range”* liema tiri ikkagunawlu l-mewt. Wara t-tlitt persuni involuti fittxewlu fuq persuntu ghal xi flus li suppost kien igorr fuqu, x’ hin ghamlu li kellhom jaghmlu, telquh hemm f’ ghadira demm.

Qieset li mil-fedina penali aggornata tal-akkuzat jirrizulta li George Pace kien instab hati mill-Qrati fi tlitt sentenzi ; f’ okkazzjoni minnhom li kkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq persuna w ksur tal-buon ordni, darb’ ohra ta’ vjolazzjoni ta’

domicilju w tentattiv ta’ ferita gravi w ta’ offiza lievi fuq persuna w darb’ ohra ta’ sewqan traskurat.

Qieset illi skond l-artikolu 43 tal-Kodici Kriminali, l-komplici f’delitt jehel il-piena stabbilita ghall-awtur u skond l-artikolu 492(2) tal-istess Kodici l-qorti tista’ taghti piena ta’ prigunerija ghall-zmien li ma jkunx inqas minn tnax (12) il-sena minflok il-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor jekk fid-dikjarazzjoni ta’ fatt li ghalih hemm stabilita l-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor – kif inhu f’dan il-kaz – il-voti tal-gurati ma jkunux unanimi.

Wara li qieset il-konsiderazzjonijiet kollha li ghamlet id-difiza, din il-Qorti tqis li mhux il-kaz li tissentenzja lill-hati ghall-piena ta’ prigunerija ghall-ghomru izda, stante l-gravita’ w il-brutalita’ li bih ir-reat gie kommess kif fuq inghad, tqis li l-piena ghandha tkun wahda li tirrifletti c-cirkostanzi li akkompanjaw dan l-omicidju.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 211(1)(2), 23, 42, 43, 492(2) u 533 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-artikolu 3(1A) [ illum l-artikolu 5(1) ta’ l-Att dwar l-Armi (Kap. 480)] u l-artikolu 26(a) ta’ l-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66) tikkundanna lill-hati **George Pace** ghall-piena komplessiva ta’ tletin (30) il-sena prigunerija - kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta’ sitt mija w wiehed u tmenin Ewro u erba w tletin centezmu (€681.34c) u cioe’ terz is-somma totali ta’ elfejn u erba w erbghin Ewro w tlitt centezmi (€2044.03c), rapprezentanti l-ispejjez totali tal-perizji inkorsi f’dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------